MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 446/2009

Mario **BORĠ** u Mary Borġ

vs

**PORTBART LIMITED** (C-10206) ġa’ Naħla Limited

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-12 ta’ Mejju, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li l-Qorti (a) ssib li l-kumpannija mħarrka hija responsabbli għad-danni mġarrbin minnhom meta biegħet lil terzi parti minn ġid li, b’konvenju li kien sar żmien qabel, kien imwiegħed lill-istess atturi; (b) ssib li l-istess kumpannija mħarrka għandha tagħmel tajjeb għall-imsemmija danni; (ċ) tillikwida d-danni mġarrbin minnhom kif fuq ingħad; u (d) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallashom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll il-ħlas tal-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta’ Mejju, 2009, li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija mħarrka u tat direttivi lill-atturi biex iressqu l-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka fis-7 ta’ Diċembru, 2009, li biha laqgħet għall-azzjoni tal-atturi billi, b’mod preliminari, eċċepiet il-ġudikat, u kif ukoll il-preskrizzjoni taħt l-artikoli 2156(f), 2153 u 1423 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, laqgħet billi ċaħdet li l-atturi jistħoqqilhom il-ħlas ta’ kumpens għad-danni u, f’kull każ, qalet li t-tieni talba attriċi saret għal xejn għax inkluża fl-ewwel talba;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta’ Frar, 2010, li bih ordnat li qabel kull ħaġa oħra trid issir it-trattazzjoni tal-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża u ħadet konjizzjoni wkoll tas-sentenza mogħtija fid-29 ta’ Frar, 2008, mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet “*Mario u Mary konjuġi Borġ vs Naħla Limited u b’digriet tas-7 ta’ Marzu 2005, l-isem tas-soċjeta’ konvenuta ġie mibdul għal Portbart Limited, u Charles u Cynthia konjuġi Manġion*” (Ċitazz. Nru. 1802/99GV);

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta’ Mejju, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari tal-ġudikat;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta’ danni li l-atturi jgħidu li ġarrbu meta l-arja ta’ *plot* imwiegħed lilhom f’konvenju nbiegħet mill-kumpannija mħarrka lil terzi, u dan fiż-żmien li kienet għaddejja kawża miftuħa minnhom kontra l-istess kumpannija mħarrka biex titlobha tersaq għall-

pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ ta' dak il-*plot* imwiegħed;

Illi l-kumpannija mħarrka laqgħet billi qalet, b'mod preliminari, li l-kwestjoni mqanqla b'din l-azzjoni hija l-mertu ta' kawża oħra bejn l-istess partijiet u li nqatgħet b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili fid-29 ta' Frar, 2008, u llum saret ġudikat. Laqgħet ukoll b'eċċezzjonijiet preliminari dwar il-preskrizzjoni, u kif ukoll fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-eċċezzjoni tar-*res judicata*;

Illi xieraq li jissemmew xi fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża għall-istħarriġ tal-imsemmija eċċezzjoni. Fid-19 ta' Diċembru, 1994, l-atturi kienu dehru fuq att ta' konvenju[1] li bis-saħħa tiegħu l-kumpannija mħarrka – li dak iż-żmien kien għadha jisimha Naħla Limited – wegħdet li tbegħelhom u tittrasferilhom u huma ntrabtu li jixtru u jiksbu mingħandha biċċa art maqsuma fix-Xgħajra, fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar, u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissrin. Billi l-kumpannija mħarrka naqset li tersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt, fl-1995, l-atturi fetħu kawża biex jeżegwixxu l-konvenju kontra l-kumpannija mħarrka. Fis-7 ta' Novembru, 1997, ingħatat is-sentenza minn din il-Qorti (diversament presjeduta) u t-talba tal-atturi ntlaqgħet. Fl-10 ta' Settembru, 1998, sar il-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ tal-imsemmija *plot* bis-saħħa tas-sentenza mogħtija, fuq liema kuntratt dehret Kuratriċi Deputata billi l-kumpannija mħarrka naqset li tersaq għall-pubblikazzjoni;

Illi, madankollu, fi Frar tal-1995, il-kumpannija mħarrka kienet biegħet lil Charles u Cynthia miżżewġin Manġion l-arja 'l fuq mit-tnax-il filata minn wiċċ l-art tal-istess *plot*. F'April tal-1999, l-atturi ressqu protest ġudizzjarju kontra l-miżżewġin Manġion u l-kumpannija mħarrka u talbuhom biex iħassru l-kuntratt li sar bejniethom fi Frar tal-1995. Kemm il-kumpannija mħarrka u kif ukoll il-miżżewġin Manġion warrbu t-talba. Ftit taż-żmien wara, fl-1999, l-

[1] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess

atturi fetħu kawża oħra[2] kontra l-kumpannija mħarrka u kontra l-imsemmija miżżewġin Manġion. F'dik il-kawża, l-atturi talbu (i) it-tħassir tal-kuntratt pubbliku magħmul fit-8 ta' Frar, 1995 bejn il-kumpannija mħarrka u l-miżżewġin Manġion minħabba li milqut minn vizzju skond l-artikoli 982(1) u 987 tal-Kodiċi Ċivili; (ii) li tingħata ordni għat-tħassir tal-imsemmi kuntratt; u (iii) l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li l-atturi ġarrbu minħabba f'dak il-kuntratt. L-miżżewġin Manġion ressqu Eċċezzjonijiet u kif ukoll Kontro-Talba. Il-kumpannija mħarrka baqgħet kontumaċi;

Illi b'sentenza mogħtija fis-7 ta' Ottubru, 2005, din il-Qorti (diversament presjeduta) laqgħet l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi u ċaħdet il-kontro-talba tal-miżżewġin Manġion. Il-miżżewġin Manġion appellaw mis-sentenza. B'sentenza mogħtija fid-29 ta' Frar, 2008, l-appell tal-miżżewġin Manġion intlaqa' billi mhux biss ma ntlaqgħux l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi appellati, imma lanqas it-tielet waħda. Intlaqgħet ukoll l-azzjoni rikonvenzjonali tal-appellanti Manġion fil-konfront tal-atturi appellati. F'Mejju tal-2009, infetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li joħorġu mill-eċċezzjoni taħt eżami jidher li jinbnew kollha fuq il-kwestjoni dwar jekk it-talbiet attriċi f'din il-kawża kinux diġa' jagħmlu parti mill-proċessi ġudizzjarji hawn fuq imsemmija u li llum ingħalqu b'sentenzi li saru ġudikat;

Illi tajjeb jingħad minnufih li eċċezzjoni bħal din tirnexxi biss jekk kemm-il darba jkunu jirriżultaw l-elementi magħrufa wara li jsir tqabbil bejn it-talbiet magħmula f'din l-azzjoni u dawk li kienu saru fil-proċeduri li issa qiegħed jingħad li joħolqu x-xkiel tal-ġudikat. L-elementi magħrufa f'eċċezzjoni tal-ġudikat huma stabiliti mid-duttrina;

Illi llum il-ġurnata hemm qbil ġenerali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa meħtieġ biex l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess

[2] Ċitazz. Nru. 1802/99GV

oġġett (*eadem res*), l-istess partijiet (*eadem personae*) u l-istess mertu (*eadem causa petendi*). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*). Il-partijiet f'din il-kawża jaqblu dwar dawn l-elementi u dwar il-ħtieġa tal-konkors tagħhom;

Illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat tissemma fl-artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili bħala waħda li dwarha għandha tingħata deċiżjoni b'kap għaliha, ukoll jekk tinqata' flimkien mal-mertu fid-deċiżjoni aħħarija;

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza[3], li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat[4];

Illi minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tingħata interpretazzjoni dejqa[5], tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni[6];

Illi, min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwestjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata; jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil dik is-sentenza[7]. Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ it-

---

[3] App. Kumm. **5.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Herrera noe vs Cassar noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.489**)
[4] App. Ċiv. **28.6.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Caterina Ġerada et vs Avukat Antonio Caruana*** (mhix pubblikata)
[5] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Borġ et vs Anthony Francis Willoughby et***
[6] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**), u s-sentenzi hemm imsemmija
[7] Ara P.A. **11.3.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Parnis vs Soler*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.344**);

tieni kawża tkun diġa' teżisti fil-waqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża[8];

Illi fil-kawża tal-lum, ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar l-element tal-identita' tal-persuni, li huwa huwa wkoll fondamentali u ta' siwi għall-eċċezzjoni daqs iż-żewġ elementi l-oħrajn. In-nuqqas tiegħu huwa biżżejjed biex jeskludi l-ġudikat għaliex min ma kienx preżenti fil-ġudizzju, u lanqas kien fih rappresentat leġittimament, ma jistax jitqies marbut b'sentenza mogħtija u li għaddiet in ġudikat, ukoll jekk l-eżitu ta' dik is-sentenza jkun jiffavorih[9]. Fil-każ tal-lum, hemm involuti l-istess partijiet li kienu parti fil-kawża (għat-tħassir tal-kuntratt li sar mal-miżżewġin Manġion) li s-sentenza tagħha l-kumpannija mħarrka tistrieħ fuqha biex issejjes l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Illi għalhekk jirriżulta li dan l-element tal-eċċezzjoni tal-ġudikat huwa soddisfatt;

Illi għal dak li jirrigwarda l-element tal-identita' tal-ħaġa huwa mfisser li dan l-element jirreferi għall-oġġett li jifforma t-talba, jiġifieri jirreferi għall-punt involut fil-kontroversja bejn il-partijiet. Huwa stabilit li mhux meħtieġ li jkun hemm l-identita' assoluta bejn it-talba li tifforma l-mertu tas-sentenza li saret ġudikat u t-talba fit-tieni kawża, għaliex hu meqjus biżżejjed li jkun hemm xebh f'tali punt kontrovers[10]. Dan jinkwadra ruħu f'dak li fid-duttrina huwa magħruf bħala l-"*giudicato esplicito*" u l-"*giudicato implicito*"[11];

Illi minn dak li joħroġ minn qari tar-Rikors Maħluf, l-azzjoni hija waħda ta' danni mnissla minħabba fil-fatt li bis-saħħa tal-kuntratt li l-kumpannija mħarrka kienet għamlet mal-miżżewġin Manġion, dak li kisbu l-atturi kien anqas minn dak imwiegħed lilhom bl-ewwel konvenju. L-identita' tal-ħaġa toħroġ mill-fatt li kemm f'din il-kawża u kemm fl-oħra

---

[8] P.A. GV **27.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***A.P. Farruġia noe vs T. Borġ Reveille et*** (Mhix pubblikata)
[9] App. Ċiv **11.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Grixti vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XLII.i.198**); u App. Ċiv. **5.2.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Degabriele vs Frank Gulia et*** (Mhix pubblikata)
[10] P.A. **28.2.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.243**) u App. Ċiv. **15.2.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs Mifsud et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.51**)
[11] Ara App. Inf. **28.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Camilleri et vs Mario Borġ pro et noe et***

li nqatgħet bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, il-kwestjoni kienet tirrigwarda l-istess ġid – il-*plot* numru sebgħa (7) u l-limitazzjonijiet li seħħew bil-fatt tat-trasferiment tal-arja tiegħu u ta' biċċa mill-istess *plot* lil Manġion;

Illi, fis-sewwa, għandu jingħad li l-ebda waħda mill-partijiet ma wriet li hemm xi kontestazzjoni serja fir-rigward ta' dan l-element kostitutiv tal-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li dan l-element tal-eċċezzjoni taħt eżami jirriżulta wkoll;

Illi jidher li l-punt kontrovers huwa dak dwar l-element tal-identita' tat-talba attriċi preżenti mat-talbiet li kienu saru fil-kawża ta' qabel. Ġeneralment, b'dan l-element wieħed jifhem u jirreferi għat-titolu jew kawżali li fuqhom jinbnew it-talbiet tal-kawża. Dwar dan il-punt inqalgħu għadd ta' diffikultajiet matul iż-żmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tingħata lill-frażi l-"istess kawżali" (*eadem causa petendi*), l-iżjed dwar kemm għandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun ġie deċiż u dak li jkun qiegħed jintalab fit-tieni kawża. Huwa tassew ovvju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintagħmlu u li jwasslu għal dik is-sentenza;

Illi l-Qorti tosserva li ġie wkoll għadd ta' drabi mfisser li l-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni proċediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat[12];

Illi din il-Qorti fittxet l-għejjun ta' dritt li minnhom ħarġet u ssaħħet id-duttrina tal-ġudikat f'dan ir-rigward, b'mod

[12] Ara P.A. FGC **4.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited*** (mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija

partikolari dak li jgħallmu l-awturi Aubry, Rau u Laurent. M'huwiex għalxejn li l-liġi tipprovdi[13] li s-sentenza għandha tkun motivata u li jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha. Huwa minħabba dawk ir-raġunijiet li wieħed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawża kif fil-fatt qatgħetha. Kien għalhekk li jingħad li d-dispożittiv ta' sentenza m'għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma ghandu jiġi minn dan definit u spjegat[14];

Illi dan it-tagħlim ġie mfisser u mtenni wkoll b'mod ċar ħafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**26 ta' Mejju, 1967** fil-kawża fl-ismijiet Grima vs Fava et[15] li għaliha u r-rassenja ta' ġurisprudenza msemmijin fiha ssir riferenza;

Illi, fil-qosor jingħad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-eżistenza, allura jirrikorri r-rekwiżit tal-identita' tal-oġġett[16] li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Illi l-għaref difensur tal-kumpannija mħarrka seħaq li l-qofol tal-azzjoni attriċi u t-talbiet huma dawk marbutin mas-sejba ta' ħtija u l-likwidazzjoni tad-danni. Fil-kawża li saret ġudikat, kien hemm ukoll talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni. L-għaref difensur tal-atturi issottomettiet li d-danni mitluba f'din l-azzjoni m'għandhom x'jaqsmu xejn mad-danni mitluba fil-kawża maqtugħa mill-Qorti tal-Appell. Hija tgħid li, filwaqt li d-danni mitluba f'**dik** il-kawża kienu marbuta mat-talba tagħhom għat-tħassir tal-kuntratt bejn il-kumpannija mħarrka u l-miżżewġin Manġion, id-danni mitluba f'**din** il-kawża huma dawk li tnisslu minħabba l-inadempiment tal-kumpannija mħarrka taħt il-konvenju;

Illi l-Qorti qieset sewwa l-kliem u t-tfassila taż-żewġ kawżi u, wara li qabblet il-premessi mat-talbiet f'kull waħda, issib

---

[13] Art. 218 tal-Kap 12;

[14] Ara App. Ċiv. **25.4.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciberras Trigona vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.131**); App. Ċiv. **31.3.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.76**) u App. Ċiv. **12.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Testaferrata Boniċi utrinque*** (Kollez. Vol: **XLII.i.287**)

[15] Kollez. Vol: **LI.i.325**

[16] Ara P.A. RCP **9.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet. ***Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Co Ltd***.

li tirriżulta tassew identita' fit-talbiet bejn il-kawża l-oħra u din. Dan joħroġ, fl-ewwel lok, mill-fatt li f'uħud mill-premessi tar-Rikors Maħluf f'din il-kawża, jissemmew kawżali li ssemmew fil-kawża li saret ġudikat. Fit-tieni lok, il-kawżali tad-danni mġarrba u l-istess talba tal-atturi f'dik il-kawża ngħatat deċiżjoni dwarha mill-Qorti tal-Appell, billi ċaħdet it-tielet talba tagħhom f'dik il-kawża (jiġifieri t-talba għad-danni). Fit-tielet lok, minn imkien ma joħroġ li d-danni pretiżi msemmija f'dik il-kawża u d-danni pretiżi mill-atturi msemmija f'din il-kawża għandhom xi oriġini differenti l-waħda mill-oħra, imma joħorġu mill-istess ċirkostanzi fattwali[17], u t-tnejn li huma jitnisslu mill-istess bażi ġuridika *ex contractu*;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li jirriżulta wkoll it-tielet element meħtieġ biex tirnexxi l-eċċezzjoni taħt eżami;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-ġudikat** imqajma mill-kumpannija mħarrka, **bl-ispejjeż** kontra l-atturi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[17] Ara, b'eżempju, P.A. TM **3.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Edmea Paċe vs Edward Pavia***